# Il-Ħuttafa

## Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf




Numru 38

Mejju - Ġunju 2000





## GĦEŻIEŻ ĦUTTAF...

Kemm naqsu l-friefet ħej! Meta kont żgħir jien u kont noħroġ nilgħab barra, kont nara friefet kullimkien. Kull ġnien ta' kull dar kien ikun mimli friefet bojod, sofor, oranġjo, kannella, ċelesti, ta' kull daqs, kollha joqomsu u jimmollaw fl-ajru, kulħadd imexmex in-nektar ħelu mill-fjuri.

Illum meta nara farfett nibqa' nħares lejh qisni qed nara xi aljen! X'ġara? Għaliex saru daqshekk rari l-friefet (u n-naħal, u ż-żnażan, u n-nannakoli u l-ħanfus)?

B'xorti ħażina l-bniedem qiegħed fi gwerra kontra l-insetti. Dan għaliex hawn xi insetti li jagħmlu ħsara lill-prodotti tar-raba'. Għalhekk il-bdiewa jbexxu l-għelieqi b'ħafna trabijiet u likwidi perikolużi biex jivvelenaw u joqtlu dawk l-insetti li jiklulhom l-uċuħ tar-raba'.

Imma bħalma dejjem jiġri, it-tajjeb jeħel mal-ħażin, u mhux biss l-insetti qerrieda jinqerdu, imma l-insetti l-oħrajn kollha.

Il-bdiewa jbexxu wkoll kimiċi oħrajn biex ma jħallux ċerti pjanti (isejħulu ħaxix ħażin) jikbru fl-għelieqi, per eżempju l-ħurrieq. Issa l-ħurrieq huwa l-pjanta favorita ta' farfett li jismu proprju l-Farfett tal-Ħurrieq (red admiral). Issa mingħajr ħurrieq, x'se jieklu x-xgħat tiegħu? Kif se jikbru u jsiru friefet?

X'nistgħu nagħmlu aħna?

- Jekk għandna ġnien għandna nimlewh fjuri li jiġbdu l-friefet u insetti, u nħallu roqgħa fil-ġnien fejn jitħallew jikbru pjanti selvaġġi weħidhom
- Ma naqtgħux fjuri mill-kampanja
- Ma naqbdux friefet - għandhom biżżejjed problemi msieken!



Victor

**Victor Falzon**
L-Editur

## F'dil-ħarġa...


| | |
|---|---|
| Editorjal | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| Kompetizzjoni 38 | 3 |
| Mid-Dinja | 4 |
| Il-Bufula Sewda | 5 |
| Gallerija | 6 |
| Min hu l-periklu? | 6 |
| Avviżi | 7 |
| Ittri | 8 |
| Attività | 9 |
| Enerġija 5 - Nukleari | 10 |
| Dik il-Widna! | 11 |
| Daħħal Membru | 11 |
| Il-Ġebla tal-Ġeneral | 12 |



**Working Group ta' Klabb Ħuttaf**

Jason Aloisio, Audrey Chetcuti, Norman Chetcuti, Desirée Falzon, Victor Falzon, Justin Vassallo



**BirdLife Malta**
Indirizz: **57/28 Triq Rigord Ta' Xbiex MSD 12**
Tel: **347646** Fax: **343239** email: **blm@orbit.net.mt**
Website: **www.waldonet.net.mt/birdlife/**



Materjal mill-Ħuttafa jista' jiġi kkupjat dment li mhux għal skop kummerċjali u dment li jissemma' isem il-magażin u li tintbagħat kopja tal-materjal lill-BirdLife
Pubblikazzjoni: BirdLife Malta
Produzzjoni: Victor Falzon
Ritratt ta' quddiem: **Widnet il-Baħar** (ritratt ta' Desirée Falzon)
Ritratt ta' wara: **Il-Ġebla tal-Ġeneral** (ritratt ta' Victor Falzon)
Films: Gutenberg Press. Stampat: Poulton's Print Shop, Mejju 2000


Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt is-sittax. Norganizzaw ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, lejliet kraft u anke nagħmlu xogħol ambjentali. Noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* kull xahrejn għall-membri, u nagħmlu ħendawts u logħob għal waqt l-attivitajiet. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija Lm2 fis-sena.

# AĦBARIJIET

## Sebgħa bil-ġuħ!

Il-**Qerd in-Naħal** (bee-eater) huwa bla dubju l-iktar għasfur kulurit li hawn fl-Ewropa. Aħdar, isfar, iswed, ċelest, aħmar, kannella, turkważ, oranġjo, abjad, imsomma l-palett tal-pittur kollha! Dan l-għasfur jidher Malta kull sena fiż-żewġ passes. Peress li huwa għasfur sabiħ immens, tgħidx kemm joqtlu minnu l-kaċċaturi, u għalhekk f'Malta ma tantx ikollna ċ-ċans narawh sew għax miskin malajr ilaqqat xi tir u jispiċċa ġo vetrina.

Imma fl-aħħar ta' Mejju seba' qerd in-naħal jidher li qabadhom ġuħ sew waqt li kienu għaddejin minn fuq Malta, għax mhux talli niżlu jistrieħu fuq wajer tad-dawl fl-inħawi tad-Dwejra, imma anke bdew jikkaċċjaw u jaqbdu l-mazzarelli! Dawn rawhom xi berdwoċers tal-BirdLife, u qalulna li kien fihom spettaklu li jnessik li qiegħed Malta!






# Kompetizzjoni 38

| | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| F | P | S | J | V | Q | E | O | U | M | T | S | A | A | H |
| G | V | G | F | Y | A | N | U | T | T | E | L | A | P | D |
| F | P | N | U | D | U | T | J | T | V | G | N | F | F | C |
| M | U | I | C | T | T | D | E | O | U | R | H | Z | Q | P |
| F | X | K | C | U | T | L | Q | R | P | J | O | Z | Q | B |
| H | V | S | B | I | U | N | L | E | T | R | J | I | E | A |
| B | J | E | C | J | S | I | B | V | W | U | N | V | R | X |
| A | B | E | N | V | N | K | B | U | L | K | X | L | Z | P |
| N | W | A | R | E | I | V | U | L | P | O | M | A | C | C |
| U | P | L | C | J | W | H | Q | P | B | I | Y | M | A | F |
| S | O | B | H | M | R | W | R | P | T | V | G | P | J | S |
| E | W | L | D | P | I | J | A | X | X | H | I | N | L | N |
| B | T | I | K | L | B | V | J | C | A | N | Z | Z | N | F |
| E | F | B | W | F | F | L | Q | H | L | J | W | O | U | I |
| G | Z | L | O | M | P | R | E | Z | D | Q | I | S | P | B |

*Norman Chetcuti*
*Mr Hawwadtni Ħabib!*

### Taħbila Tajr!

Sib dawn it-12-il għasfur moħbi fit-taħbila, ħu kopja tal-kompetizzjoni (min iqatta' l-magażin ma jiħux sehem) u ibgħatha lil BirdLife (indirizz p2) sa l-10 Lulju 2000. Tinsix ismek u l-indirizz tiegħek. Min jirbaħ jingħata ktieb dwar in-natura.

| | | | |
|---|---|---|---|
| BILBLA | GURLIN | PLUVEROTT | TERTUXA |
| BIRWINA | MALVIZZ | PLUVIERA | TUDUN |
| BUQRAJQ | PALETTUNA | SPANJULETT | VENEWWA |

### KOMPETIZZJONI 37

Ir-rebbieħa tal-Kompetizzjoni 37 hija **Doriana Gambin** mill-Mosta. Doriana tista' tmur tiġbor il-ktieb li rebħet miċ-Ċentru BirdLife f'Ta' Xbiex (Tnejn-Ġimgħa 9am-12). Importanti li tieħu magħha l-membership card. L-għasafar moħbijin f'Komp 37 kienu **VJOLIN TAX-XITWA, ARPA, ASTUN ISWED, KUĊĊARDA.**




# Għal par sinniet!

**L-iljunfanti għandhom problema kbira.** Hemm skoss nies li jridu jeħdulhom dawk iż-żewġ sinniet kbar tagħhom. Għaliex? Biex minnhom jagħmlu statwi u figurini, dak għaliex!!!

Issa biex iġibu dawn is-sinniet, aqta' x'jagħmlu! Ħeqq, joqtlu l-iljunfanti! Minħabba f'dil-ġennata l-iljunfanti bdew jonqsu ħafna. F'temp ta' sebgħin sena **nqatlu mal-miljun iljunfant** (jiġifieri xi 40 iljunfant kuljum).

Tant bdew jonqsu l-iljunfanti li fl-1989 l-pajjiżi ddeċidew li **l-bejgħ ta' dan is-snien isir kontra l-liġi**, u ma stajtx lanqas tbigħ jew tixtri oġġetti ta' l-avorju (il-materjal ta' snien l-iljunfant). Minn dakinhar l-iljunfanti ħadu r-ruħ u fil-fatt ma baqgħux jonqsu.

Issa reġgħu tfaċċaw erba' pajjiżi Afrikani, li ħolmu li jridu jerġgħu jibdew ibigħu l-avorju!! Dawn huma l-**Botswana**, **in-Namibia**, **iż-Żimbabwe** u **l-Afrika t'Isfel**. Dawn qed jgħidu li f'pajjiżhom hemm biżżejjed iljunfanti u għalhekk iridu jibdew joqtlu u jbigħu s-snien mill-ġdid.

Għalhekk f'April 2000 saret laqgħa f'Nairobi (fil-Kenya) biex jaraw kif se jsolvu dil-problema. **Il-Kenya ma taqbilx** li jerġa' jibda jinbigħ l-avorju għax inkella kulħadd jibda jikkaċċja l-iljunfanti bl-addoċċ. U għandha ragun, għax dawn affarijiet li ġraw diġà.

Biex ma ntawlux, id-deċiżjoni l-ġdida hija li **għal dawn is-sentejn li ġejjin ma jsir l-ebda bejgħ**. Imbagħad jerġgħu jiltaqgħu biex jaraw x'se jiġri.

U l-iljunfanti jiżfnu fin-nofs jistennew ix-xorti tagħhom!


Fejn jispiċċa s-snien ta' l-iljunfanti!


Ftit ilu daħal kaċċatur fil-park nazzjonali ta' Kruger fl-Afrika t'Isfel u qatel iljunfant. Dar-raġel qabduh u weħel... **20 sena ħabs!**



Denis Cachia

# Bufula Sewda

Mark-Anthony Falzon

**Il-bufula sewda għandek ċans sew taraha! L-ewwelnett hija komuni li tbejjet fl-inħawi kollha tal-gżejjer Maltin, u t-tieni għax spiss insibuha tgħix viċin id-djar u t-toroq, forsi anke tibni l-bejta f'xi ġnien.**

| |
|---|
| Malti: **Bufula Sewda** |
| Ingliż: **Sardinian Warbler** |
| Xjentifiku: ***Sylvia melanocephala*** |

Ir-raġel jolqot l-għajn mill-ewwel. Rasu hija iswed tuta kważi jleqq, dahru griż ċar u żaqqu bajda. Saqajh huma griżi fil-kannella. Il-mara inqas tispikka għax rasha hija griża u daharha kannella. Meta narawhom mill-viċin jew bit-tromba, ninnutaw li t-tnejn għandhom għajnejn oranġjo skur imdawrin b'qisu nuċċali aħmar, li jagħtihom dehra verament sabiħa. Peress li tħobb tistaħba, ħafna drabi nisimgħu l-bufula sewda bla ma narawha. Għandha tisfira partikolari li tixbah "ċu-ċu-ċu", u għanja li tagħrafha mill-ewwel. Kif dejjem ngħidu, l-aħjar mod biex titgħallem it-tisfiriet ta' l-għasafar hi li toħroġ berdwoċing ma' grupp ta' nies li jkollhom ftit esperjenza - il-ħarġiet ta' Klabb Huttaf huma famużi għal dan!

Il-bufula sewda tadatta ruħha għal ambjenti differenti, basta jkun hemm ftit arbuxxelli jew siġar folti u baxxi fejn tkun tista' tistaħba u tibni l-bejta. Ġieli nsibuha f'postijiet naqra strambi, bħal per eżempju f'xi rawndebawt f'nofs ta' triq. Imma l-aktar li tħobb huma l-widien u l-imsaġar żgħar. Jekk trid tara bufula sewda, mur sal-wied tal-Buskett, il-ġnien ta' San Anton, jew ir-riserva ta' l-Għadira.




Victor Falzon

Il-bufula sewda tista' wkoll tiġbidha lejn il-ġnien jekk tarmalha bird table!

Il-bufula sewda tbejjet bejn Marzu u Lulju, kultant ftit qabel jew wara. Il-bejta dejjem insibuha f' arbuxxell żgħir jew ħaxix folt - pjanta favorita li fiha tbejjet hija t-tulliera (bl-Ingliż *large fleabane*), pjanta komuni ħafna li spiss tikber viċin il-bini. Membri tal-BirdLife ilhom ħafna snin jistudjaw il-bufula sewda. Xi snin ilu żewġ membri għamlu studju dettaljat dwar il-mod kif tbejjet u tkabbar il-frieħ, u issa hemm min anke qed jgħodd il-bejtiet kollha tal-bufula sewda (u għasafar oħrajn ukoll) u jara kif inhuma mqassmin mal-gżejjer Maltin.



Victor Falzon

It-tulliera - pjanta favorita

**Bħall-ispeċi kollha tal-buful (*warblers*), il-bufula sewda tiekol l-insetti, u għalhekk tagħmel ħafna ġid lill-bdiewa. Jekk inħajruha tersaq lejn il-ġonna tagħna billi nħawlu pjanti folti bħal-liedna (*ivy*) jew siġar baxxi, din mhux biss issebbaħ bil-kuluri u t-tisfir tagħha, imma tiffrankalna milli nużaw ħafna pestiċidi, li lkoll nafu kemm jagħmlu ħsara lil saħħitna.**

# GALLERIJA



GHERQ SINJUR
Roderick Galea (10)



HUTTAFA
Nicola Cremona (9)



SWEJDA
AndréCamenzuli (12)



SEQER TAL-HANNIEQA
Kristina Polidano (11)



PALETTA
Charlotte Agius (9)



MALVIZZ ISWED
Luke Caruana (11)



ĊINJU
Aaron Refalo (13)



KULUVERT
Darryl Debono (7)



MERILL
Andrew Scerri (12)

Pinġu fuq karta bajda mhux ikbar minn dil-paġna, b'linka sewda u tpinġux bil-kulur. Tinsewx isimkom, l-età tagħkom u isem l-annimal jew pjanta. Agħmlu hekk, u t-tpinġija tagħkom tidher fil-magażin. Kull tpinġija li nġibu tieħu 3 punti fil-Huttafa tas-Sena.






# Min hu l-periklu?

F'dawn l-aħħar mitt sena mietu 74 ruħ minn attakki ta' klieb il-baħar, fosthom anke xi whud fl-ibħra Maltin. U għalhekk kulħadd jitwerwer jisma' l-kelma Shark!

Imma fil-fatt in-nies huma ĦAFNA iktar perikolużi għall-kelb il-baħar. Għaliex? Ħeqq, tafu kemm jinqatlu klieb il-baħar fis-sena madwar id-dinja? **Mal-mitt miljun** (100 000 000)! Jiġifieri iktar minn mitejn darba l-popolazzjoni ta' Malta. Kull sena!

Mhux ta' b'xejn ħafna speċi ta' klieb il-baħar daqt jisparixxu minn wiċċ id-dinja! Fost dawn hemm il-Great White Shark, li dwaru hemm salt gideb fil-film *Jaws* li kien ħareġ fl-1975.

# Grazzi!



Grazzi lill-Ħuttaf li daħħlu membri ġodda f'Marzu u April 2000.

| | |
|---|---|
| **Jürgen Pavanello** | **20** |
| **Andrew Azzopardi** | **1** |
| **Simon Sultana** | **1** |
| **Ivan Vidolich** | **1** |
| **Arthur Briffa** | **1** |
| **Christian Spiteri** | **1** |
| **Jessica Dimech** | **2** |
| **Cassandra Scerri** | **1** |
| **Robert Said** | **1** |
| **Paul Micallef** | **1** |
| **Earl Vella** | **2** |
| **Karl Farrugia** | **1** |
| **Josef Baldacchino** | **1** |

# Ċief!

Qed nieħdu pjaċir ninnutaw kemm tfal, klassijiet, skejjel, familji, għaqdiet u individwi ħadu interess fil-kampanja li qed nagħmlu biex inqajmu kuxjenza favur iċ-ċief u fl-istess ħin infaddlu xi ħaġa biex il-BirdLife tkompli tistudja lil dawn l-għasafar b'aktar reqqa. Dawk is-soft toys jidher li għamlu ħitt tassew!

Min jixtieq "jadotta" ċiefa, iċempel 347646.




# Premji Mixja Maratona

Dawn huma l-membri li għall-**Mixja Maratona** ta' Marzu li għadda ġabru Lm5 jew iktar.

1. **Damian Micallef**
2. **Darren Dalli**
3. **Alf Buhagiar**
4. **Cliff Sacco Decelis**
5. **David Ellul**
6. **Nicolai Dalli**
7. **Martina Chetcuti**

Dawn inħeġġuhom jattendu s-**Serata Klabb Ħuttaf** tat-30 Ġunju 2000 (ara p9) biex jieħdu l-premju li ħaqqhom. Grazzi lilhom u grazzi wkoll lill-membri l-oħrajn li wkoll ġabru xi flus għall-mixja.




# *Kompetizzjoni Nintendo 64*

Ir-rebbieħ tal-**Kompetizzjoni Nintendo 64** huwa **Jürgen Pavanello** li f'temp ta' xaharejn (Marzu April) irnexxielu jdaħħal **20 membru ġdid** fi Klabb Ħuttaf! Waww! Lil Jürgen ngħidulu grazzi tal-membri li daħħal u nifirħulu tan-Nintendo 64 li rebaħ. Dan il-premju se nippreżentawh lil Jürgen nhar it-30 Ġunju 2000 waqt is-**Serata Klabb Ħuttaf** (ara p9). Nirringrazzjaw ukoll ħafna lil Zoids ta' Ħal Luqa li ġentilment offrewlna dan il-premju.





# Niġbru biex nixtru...

Bħalissa aħna tal-Klabb qed infaddlu flus biex nixtru teleskopju għar-riserva ta' l-Għadira, ħalli jkun jista' jużah kulħadd, fosthom intom stess it-tfal ta' l-iskola meta żżuru r-riserva. Dakinhar li għamilna l-mixja maratona ġbarna Lm80 u kif taraw mill-istampa, b'dawk il-flus qbiżna l-kwart ta' kemm jiswa t-teleskopju. Aħna ħa nkomplu nfaddlu l-flus mit-telekards użati li tibagħtulna (u l-ħafna bolli li għad baqgħalna), li dawn aħna nerġgħu nbigħuhom. Inkomplu nżommukom infurmati. Grazzi!




*Backnumbers* tal-Ħuttafa baqa' minn ta' kull ħarġa ħlief 1 u 3. Kull *backnumber* jiswa 25ċ (30ċ bil-posta). Ċemplu 347646.

## Ftaħtlu u ma tarx!

*Sur Editur,*

*Għandi ħabib li xi sitt snin ilu kien sab ferħ ta' għasfur tal-bejt li waqa' mill-bejta fuq il-bejt tiegħu. Dan l-għasfur mal-waqgħa kiser ġewnaħ. Ħabibi dewwieħ imma sakemm seta' jerġa' jtir kien għadda xi ftit żmien mhux ħażin.*

*Meta kien għaddielu għal kollox dan l-għasfur ma riedx jerġa' jaħrab għax kien dara fl-ambjent ta' ġewwa, jiġri mad-dar. Barra minn hekk mhuwiex kapaċi jfendi għal rasu. Jekk jaħrab żgur li jmut bil-ġuħ.*

*Dan huwa legali?*

*ps L-għasfur mhux qed jinżamm fil-gaġġa.*

**Mark Busuttil**
*H'Attard*

Għażiż Mark,

Le, mhux legali żżomm għasfur tal-bejt id-dar. Naf li sieħbek kull ma għamel kien minħabba l-qalb tajba tiegħu u l-ħniena li ġietu mill-ferħ batut.

Imma l-liġi tgħid sew li għasafar protetti għall-ebda raġuni m'għandna nżommuhom id-dar, lanqas jekk huma feruti. Għax ara kieku kemm għasafar jibdew jinsterqu mill-bejtiet bl-iskuża li nstabu feruti, mitlufin eċċ. Immaġina jibdew jagħmlu hekk bil-merilli (hawn min, tafx!). Jispiċċa kulħadd irabbi (u jbigħ) il-merilli bl-addoċċ u l-liġi ma tkunx tista' twaqqafhom! Sitwazzjoni ħażina għall-aħħar, ma taqbilx?

**L-Editur**

## Ftaħtlu u tar!

*Għażiż Editur,*

*Nixtieq ngħidlek ili qiegħed niktiblek fuq karta riċiklata. Dawn in-notepads huma orħos minn dawk tal-karta normali.*

*Illum kont qiegħed fil-ġnien u nisma' għasfur isaffar donnu qiegħed imut. Ħarist madwari u mal-ħajt tagħna rajt gabbjetta mwaħħla. Jien qbadt zokk u waqqajt din il-gabbjetta. Kien verdun imbeżża', bħall-ġurdien imbeżża' mill-qattus. Ftaħt il-gabbjetta u tajjart il-verdun. Meta nduna s-sid qalli biex nixtrilu ieħor, imma jien ma ridtx nara għasfur ieħor imut, allura ma xtrjatlux. Din kienu diġà għamluhielu ħuti.*

*Darb'oħra sibt pitirross mgħaxxex, jien ġbartu, tajtu jiekol u rħejtlu fis-serra. Temmen illi siegħa wara beda jtir u telaq!*






**Karlant Seguna**
*Raħal Ġdid*

Għażiż Karlant,

Għalkemm mhux sew li tieħu l-liġi f'idejk, nista' nimmaġina x'ħassejt meta rajt dawk l-għasafar ibatu!

U prosit talli tuża karta riċiklata.

**L-Editur**


## Hello Tfal...

Jiena Ċikkurillu, il-ħabib tat-tfal kollha tal-**BOV Young Savers Account**. Din hi l-ewwel darba li qed nikteb f'dan il-ġurnal. Kemm qed nieħu pjaċir għax bis-saħħa t'hekk se nkun nista' nagħmel ħbieb ġodda.

Tfal intom tafu xi tfisser il-kelma "kont"? Jekk le, ħa ngħidilkom jien. Kont hu bħal karus li minflok ikun qiegħed id-dar ikun għand il-bank. Intom qatt smajtu bil-**BOV Young Savers Account**? Dan hu l-kont tal-Bank of Valletta p.l.c. maħluq apposta għalikom it-tfal biex intom titgħallmu ġġemmgħu u titgħallmu wkoll tibżgħu għall-flus li taqilgħu.

Kull min ikollu BOV Young Savers Account ikun membru fil-**Young Savers Club** u jibda jirċievi ***Il-Ġurnal ta' Ċikkurillu... għall-Young Savers.***

Tfal jiena nħobbhom ħafna l-għasafar u nieħu pjaċir naqra l-poeżiji u l-ittri tagħkom it-tfal. Nieħu pjaċir ukoll nara t-tpinġijiet li tagħmlu. Jekk tkunu tridu tiktbuli xi ittra jew poeżija jew tagħmlu xi tpinġija ibagħtuha f'dan l-indirizz:

*Għal Ċikkurillu*
*Bank of Valletta p.l.c.*
*Marketing Department*
*6th Floor, Airways House*
*High Street, Sliema SLM 15*

BOV YOUNG SAVERS ACCOUNT

Nispera li ma ndumx ma nirċievi minn għandkom.

**Ċikkurillu!**






# ATTIVITÀ

Bħal daż-żmien ma tantx nagħmlu ħruġ minħabba s-sħana u anke għax l-għasafar ma jkunux fl-aqwa tagħhom. Għalhekk dan huwa żmien l-attivitajiet ta' ġewwa. Żmien ta...

## *Logħob u Hot Dogs!*

**Se nagħmlu Serata a la Klabb Ħuttaf, u se nżewquha b'logħob u anke bil-hot dogs għal x'ħin jaqbadna l-ġuħ! Aktar irqaqat minn hekk mhux ser noqogħdu nidħlu fihom hawnhekk. Intom ejjew u mbagħad taraw!!!**









Data: **30 Ġunju 2000**
Ħin: **6pm - 8pm**
Post: **Skola Primarja Furjana**
Ħlas: **75ċ** (fil-bieb)
Età: **Ħuttaf kollha!**
**Ċemplu 347646 biex tibbukkjaw, mhux wara t-28 Ġunju 2000**

Hawn ħbieb,

Jien tajjeb. Nispera intom ukoll. L-aħħar attività reġgħet laqgħetna x-xita. :-) Iżda did-darba ma kinux dawn l-isbaħ waqtiet. Mhux għax ma ħadniex gost waqt ix-xita - sibna kamra ta' żmien il-gwerra taħt il-Victoria Lines u stkennejna fiha. Il-veduta li kellna minn hemm ma tfissirhiex bi kliem!

Iżda xorta kellna waqt isbaħ! Dan kien aħna u mexjin taħt Ras il-Pellegrin. Mixjin, u f'daqqa waħda minn fuq blata xi 5m taħtna naraw par ġwienaħ enormi suwed jinfetħu. Imbottatura b'saqajha... u l-ARPA telqet!!! Iva, arpa (osprey)!! Għasfur li meta jiftaħ ġwinħajh fihom aktar minn 1.5m! Smajna ħafna tiri għal fuqu (allavolja protett bil-liġi) imma b'xorti tajba xi berdwoċers li kienu lejn ix-Xemxija rawh ikompli triqtu lejn l-Italja - u min jaf, forsi jasal il-Finlandja.

Barra dan, kellna x-xorti naraw ukoll daqquqa tat-toppu (hoopoe), u xi qtajja' rsieset (herons)! Min jorqod ma jarax għasafar... irrid ngħid... ma jaqbadx ħut!

Narakom.

Justin




# ATTIVITA

## *Xogħol l-Għadira*

Sejrin sar-riserva ta' l-Għadira. F'Lulju r-riserva ma tkunx miftuħa għall-pubbliku għax ma tantx ikun hemm għasafar. Għalhekk, il-gwardjan juża daż-żmien biex jagħmel skoss xogħol ta' l-idejn. U aħna tal-Klabb ħa mmorru ngħinuh. Tinkwetawx, xogħol li jaqsam id-dahar m'hemmx, l-aktar forsi nħawlu xi siġra.

U wara... dritt għal fuq ir-ramel man-naħa l-oħra tat-triq u minn nofsinhar sas-sitta ngħumu u nilagħbu.

**Data:** **14 Lulju 2000**
**Niltaqgħu:** **8am ħdejn tal-ħalib Bieb il-Belt jew**
**9am il-venda ta' l-Għadira**
**Nispiċċaw:** **6pm**
**Età:** **13+**

# ATTIVITA

## *Lejl maċ-Ċief*

Bħal ta' kull sena, ħa mmorru sa fuq l-irdum f'Ta' Ċenċ f'Għawdex biex nisimgħu l-kunċert notturn taċ-ċief!! Billi jkun tard, se norqdu hemmhekk ukoll. Nimxuha mill-iMġarr sa Ta' Ċenċ. Meta naslu fuq l-irdum nistennew sa ma jidlam biex tibda waħda mill-isbaħ esperjenzi ta' l-għasafar li għandna f'Malta.

Ġibu: flus għall-vapur, ikel, tromba, sleeping bag jew kutra (bil-lejl taqa' s-sirda), ilma u basket minn dawk tad-dahar - mhux milli żżommu f'id waħda.

**Data:** **29 Lulju 2000**
**Niltaqgħu:** **3pm ħdejn tal-ħalib Bieb il-Belt jew**
**4pm iċ-Ċirkewwa jew**
**4.30pm l-iMġarr Għawdex**
**Lura Malta:** **Il-Ħadd filgħodu f'xi d-9am**
**Età:** **13+**

**Min ġej din l-attività jrid iċempel l-uffiċċju 347646**

# Enerġija Nukleari

NUCLEAR POWER

ELISABETH CONRAD

**Fil-ħarġa li għaddiet rajna ftit kif issir l-enerġija nukleari. Did-darba se naraw x'inhuma l-problemi li toħloq l-enerġina nukleari.**




**Kif jidfnu skart nukleari - proċess għali ħafna li ftit pajjiżi jagħmluh**

## Radjuattività

Meta atomu jingħaqad ma' atomu ieħor, jew inkella meta jinqasam, toħroġ ħafna enerġjia. Din l-enerġija tkun ta' żewġ tipi, sħana u radjuattività.

Sħana nafu x'inhi għax inħossuha fis-sajf!

Radjuattività hija bħal mewġ, imma minflok fil-baħar, tkun fl-arja. Meta l-mewġ tal-baħar jaħbat mal-blat, jagħmillu l-ħsara u jista' anke jkissru. L-istess ir-radjuattività. Meta jkun hemm ħafna minnha, bħal meta jinqasam atomu, tagħmel ħafna ħsara lill-affarijiet li taħbat magħhom u tkissirhom.

## Meta tfalli s-sistema

Fil-ħarġa li għaddiet rajna li l-uranjum huwa dak il-materjal li jinqasam biex jipproduċi l-enerġija, li magħha tiġi r-radjuattività.

Waħda mill-akbar perikli ta' l-enerġija nukleari hija meta tfalli s-sistema li tieħu s-sħana mill-uranjum għall-ilma. Meta jiġri dan, it-temperatura ta' l-uranjum togħla mmens. Aktar ma togħla, aktar jinqasmu atomi ta' l-uranjum. U f'qasir żmien tant tinġabar sħana u enerġija li ssir splużjoni kbira. F'din l-isplużjoni l-uranjum jixxerred ma' kullimkien.

Imma l-problema ma tiqafx hawn! L-uranjum li jixxerred jibqa' jinqasam u jarmi r-radjuattività ma' kullimkien. U kull ħaġa li tiltaqa' magħha r-radjuattività, tibda tkissirha bil-mod il-mod. Il-ġisem tal-bniedem li tidħol fih ir-radjuattività ma jibqax jaħdem tajjeb. Għalhekk splużjoni nukleari ġġib ħafna problemi ta' saħħa u anke mwiet. Dan ġara fl-1986 f'Chernobyl fl-Ukraine, meta splodiet pawerstejxin nukleari. Minn dak iż-żmien sal-1995 mietu madwar 125,000 bit-traġedja, u 580,000 oħrajn qegħdin isofru problemi ta' saħħa.

## Fejn se tarmi?

Meta l-uranjum jinqasam, jinħolqu żewġ atomi iżgħar. Dawn l-atomi jibqgħu jarmu r-radjuattività. Xi ħaġa trid issir bih dan l-iskart radjuattiv, però m'hawnx soluzzjonijiet sempliċi. Xi pajjiżi jidfnuh taħt l-art. Din hija x'aktarx l-aħjar ħaġa. Pajjiżi oħrajn jarmuh il-baħar! Naturalment, il-ħut u l-ħxejjex fl-inħawi jimtlew radjuattività u jmutu. Meta kienet għadha teżisti l-USSR, irmiet skart nukleari fil-baħar mill-inqas għoxrin darba.

## Impjanti qodma

Problema oħra tinqala' meta l-impjant jew pawerstejxin nukleari ma tkunx tista' tibqa' tintuża. Ma tistax kemm tagħlaq il-bieb u titlaq 'l hemm. Dan għaliex il-biċċiet kollha ta' l-impjant ikunu mimlijin radjuattività, u jkunu jridu jinħażnu sakemm jitilfu din ir-radjuattività. L-ispejjeż biex isir dan huma enormi. Għalhekk, ħafna drabi dan ma jsirx u l-materjal jintrema' fl-ambjent. Kull ma jkun qrib tagħhom imut.

**Li ma kienx għall-problemi tar-radjuattività, l-enerġija nukleari kienet tkun idea tajba ħafna għall-ambjent, għax ma jinħaraq xejn u l-arja ma nħammġuhiex. Imma minħabba l-perikli li semmejna, l-enerġija nukleari naqqset ħafna mill-popolarità tagħha f'dawn l-aħħar snin. Il-Ġermanja, per eżempju, qed taħseb biex ftit ftit iżżarma l-impjanti nukleari kollha li għandha. Pass diffiċli, imma pass intelliġenti meta tikkunsidra l-problemi li ġġib magħha l-enerġija nukleari.**

# Dik il-Widna!

*Kollha smajtu b'Widnet il-Baħar. Mhux għax komuni jew għax tajba għall-ikel, imma għax tgħallimtu li din hija l-***pjanta nazzjonali ta' Malta***. Imma x'tafu iktar dwarha dil-pjanta? Mela ara ġejjin ftit fatti...*



- Hija endemika għal Malta, jiġifieri mid-dinja kollha tikber biss... f'pajjiżna!
- Fis-selvaġġ hija skarsa, għalkemm spiss taraha mhawla.
- Hija evergreen, jiġifieri tibqa' tħaddar anke fix-xitwa.
- Il-weraq sukkulent, jiġifieri mlaħħam għax iżomm fih l-ilma għal żmien in-nixfa!
- Tissejjaħ Widnet għax il-weraq qisu widnejn ta' ħmar!
- Tikber ma' l-irdum li jagħti għal fuq il-baħar.
- Tagħmel fjuri roża skur (ara p1) minn nofs Mejju sa Lulju.
- Ilha l-pjanta nazzjonali mill-1971.
- Dehret fuq bolli u anke fuq karti tal-flus.
- Faċli ħafna biex tkabbarha mill-biċċa.
- Hija mħarsa bil-liġi, jiġifieri ma tistax' taqta' jew taqla' biċċiet minnha mis-selvaġġ.
- Hija pjanta primittiva ħafna, u ma tiġi mill-qrib minn ebda pjanta oħra moderna.
- L-isem xjentifiku tagħha *Palaeocyanus crassifolius*, ifisser kaħlanija-antika b'weraq imlaħħam!
- Il-fjuri tagħha jħobbuhom ħafna l-insetti, speċjalment tip ta' ħanfus irqiq.
- Minħabba li l-Għargħar saret ukoll pjanta nazzjonali (għax siġra hi pjanta!), Widnet il-Baħar jaqbel li issa tibda tissejjaħ il-*fjura* nazzjonali.



**Darba kienet fuq il-karta tal-lira.**

# Daħħal membru ġdid fi Klabb Ħuttaf u inti tieħu...






- Tliet pitazzi ta' l-għasafar
- Stiker bil-kulur ta' għasfur
- Tmien punti fil-Ħuttafa tas-Sena

Ħajjar ħbieb, aħwa u kuġini jidħlu fi Klabb Ħuttaf, 'tihom jimlew kopja ta' dil-formola, imla isfel id-dettalji tiegħek stess, u ibgħathomlna, flimkien mal-Lm2 tal-membru l-ġdid.

**Dettalji tal-membru l-ġdid**

Isem ______________________

Indirizz ______________________

______________________

______________________

Data tat-Twelid ______________ Telefon ______________

**Dettalji tiegħek stess**

Isem ______________________

Indirizz ______________________

______________________

Telefon ______________

Ibgħat kollox lil *BirdLife Malta 57/28 Triq Rigord Ta' Xbiex MSD 12*

Tibgħatx flus bil-posta - ibgħat ċekk (pagabbli lil BirdLife Malta), postal order jew 34 bolla tas-6ċ

**Tqattax il-magażin - ħu fotokopja!**

# Il-Ġebla tal-Ġeneral

## *Blata unika bi storja unika*



BirdLife
MALTA